# Lectio Divina

Il-Ħames Ħadd tal-Għid (A)

Ġw 14, 1-12

**F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: «Tħallux qalbkom titħawwad!**

Il-kuntest huwa dak tal-aħħar diskors ta' Ġesù lid-dixxipli fl-Aħħar Ċena (*Ġw* 13,1-17,26), awl il-lejl tal-passjoni u mewt tiegħu. Il-kliem ta' Ġesù huma t-*testment* li hu jħalli lid-dixxipli tiegħu ta' kull żmien, imsejħa sabiex ikunu *dixxipli li Ġesù jħobb* (cf. 19,26; 20,2; 21,7.20). Hu «bil-lejl» (13,30) u Ġesù għadu kemm ħabbar it-tradiment ta' Ġuda (13,21-30) u ċ-ċaħda ta' Pietru (13,36-38). Minbarra dan, huma ser jisfaw weħidhom għaliex ma jistgħux imorru fejn sejjer hu (13,33). Quddiem il-qalb imħawwda tad-dixxipli, l-Imgħallem għandu kliem ta' kuraġġ u ta' faraġ. "Fil-Vanġelu kollu skont San Ġwann, il-kliem ta' Kristu ma jilħaq qatt bħal hawnhekk sempliċità daqstant perfetta u sura daqstant adatta għall-moħħ tad-dixxipli. Kif jgħid Luteru, hu jitkellem bħal wieħed li jixtieq isaħħar u jirbaħ is-sempliċi." (Tholuck). Quddiem qalb mifxula għax tara jaqgħu t-tamiet li fuqhom serrħet sa issa, Ġesù jippurifika x-xewqat profondi tad-dixxipli biex jurihom fejn għandhom iqiegħdu t-tama tagħhom sabiex ikollhom il-*paċi tal-qalb*. Bħal Mosè, hekk Ġesù fil-mument tal-«mogħdija» tiegħu (Ġw 13,1; Dt 1,19-33) fejn ser jgħaddi lill-Poplu tar-Rabta l-Ġdida mill-jasar tad-dnub għal għand il-Missier – fejn ser iħejjilhom post – iħeġġeġ lid-dixxipli tiegħu biex ma jibżgħux mid-dinja maħkuma mix-Xitan li tobogħdom (cf. Ġw 13,27; 15,18-20; ara wkoll *S* 42,5-7; *Ġw* 6,40): «Fid-dinja tbatu jkollkom. Iżda agħmlu l-qalb: jiena rbaħt id-dinja!» (16,33).

**Emmnu f'Alla u emmnu fija wkoll.**

Ġesù jitlob lid-dixxipli biex *jafdaw fih* bħala ndaqs mal-Missier, veru Alla, anki jekk ser ikollu jbati u jmut. Kuntrarju għal-Lhud li fid-deżert m'emmnux f'Alla (cf. *Dt* 1,32), id-dixxipli huma msejħa biex iħallu lil Kristu jmexxihom 'il-barra mid-dlamijiet u d-dell tal-mewt. Huma għandhom jilqgħuH bħala r-rivelazzjoni tal-Missier u jkollhom l-istess atteġġjamenti tiegħu ta' qadi u mħabba.

**Fid-dar ta’ Missier hemm ħafna postijiet. Li kieku ma kienx hekk, kont ngħidilkom: “Sejjer inħejjilkom fejn toqogħdu?”**

Il-ħarsa tad-dixxiplu u l-pedament tat-tama tiegħu għandha tkun il-wegħda li Kristu ser iħejji post għalih fid-«dar» tal-Missier: «Aħna nafu li jekk din it-tinda ta' l-għamara tagħna fl-art tiġġarraf, aħna għandna dar oħra, maħduma mhux bl-idejn, imma xogħol ta' Alla, għal dejjem fis-sema.» (*2Kor* 5,1). F’din id-dar hemm «postijiet» («μονή»): għamajjar stabbli u li jibqgħu, differenti mill-għamajjar tal-art li jispiċċaw (cf. *Lhud* 13,14): huwa l-postijiet fejn il-bniedem jgħammar f’Alla u l-Missier u l-Iben jgħammru fih (cf. *Ġw* 14,23). Dawn il-postijiet huma «ħafna» għax hemm wisgħa għall-mifdijin kollha. Id-dixxipli kellhom ambizzjonijiet biex fis-Saltna jkollhom post qrib Ġesù (*Mk* 10,37) u fosthom kien hemm ix-xewqa li kull wieħed minnhom ikun l-akbar (*Lq* 22,24). L-Imgħallem ma jeqridx għal kollox din ix-xewqa: hu jurihom li tassew ser iħejjilhom post fis-Saltna (cf. *Lq* 22,30), imma l-ispirtu li għandu jsuqhom għandu jkun dak l-istess bħal tal-Iben: « min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu jkun l-ilsir tagħkom» (*Mt* 20,27). Bħalma fid-deżert Alla kien *jippreċedi* lill-Poplu biex imexxih lejn l-art tal-mistrieħ («kien jimxi quddiemkom fit-triq, ifittxilkom post fejn tistrieħu» *Dt* 1,33), hekk issa Kristu bil-passjoni, mewt u qawmien tiegħu jidħol qabilna biex hekk aħna nkunu nistgħu nidħlu warajh: «Din it-tama hija għalina bħal ankra tar-ruħ, sħiħa u qawwija; biha aħna nidħlu 'l ġewwa mill-velu, fejn qabilna daħal Ġesù għalina meta sar għal dejjem il-qassis il-kbir skond l-ordni ta' Melkisedek.» (*Lhud* 6, 19-20).

**U meta mmur u nħejjilkom post, nerġa’ niġi biex neħodkom miegħi biex, fejn inkun jien, tkunu intom ukoll.**

L-istennija tal-komunità tad-dixxipli – tal-Knisja – hi mibnija fuq il-wegħda li ser *jerġa’ jiġi*. Hija wegħda li *tfarraġ* (cf. *1Tess 4*, 15-18) għax mhux ser iħallina ltiema (cf. *Ġw* 14,18). Meta jiġi Kristu «kull wieħed jieħu mingħand Alla t-tifħir li jkun jistħoqqlu» (*1Kor* 4,5). Il-Knisja ma tehdiex tistenna lil Mulej billi *tħabbar il-mewt tiegħu sa ma’ jiġi* (cf. *1Kor* 11,26) u titlob bla waqfien: *Maranatha* (*1Kor* 16,22; *Apok* 22, 17.20). Din l-istennija tingħax bl-għażla tad-dixxiplu li jibqa’ *fil-Mulej*: « U issa, uliedi, ibqgħu fih, ħalli nkunu qalbna qawwija meta huwa jidher, u ma nġarrbux il-mistħija li nitwarrbu minnu meta jiġi.» (*1Ġw* 2,28). Id-dixxiplu jkun fejn ikun Kristu meta jimxi warajH (*Ġw* 12,26) biex hekk ikunu jistgħu jikkontemplaw il-glorja li biha l-Missier libbes lill-Ibnu l-Waħdieni (cf. *Ġw* 17,24; *Rum* 8,17).

**U t-triq għall-post fejn sejjer tafuha.» Tumas qallu: «Mulej, aħna ma nafux fejn inti sejjer. Kif nistgħu nafu t-triq?»**

Ġesù kien ħabbrilhom it-triq tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu biex imur għand il-Missier (cf. *Ġw* 10,9.11; *Mt* 16,21; 20,18-19; *Lq* 9,22; 18,31-32). Iżda Tumas imeriH u jwieġeb, anki f'isem sħabu, li ma jafux fejn sejjer. Il-mistoqsija ta' Tumas tesprimi l-moħħ mudlam u tqil tad-dixxiplu biex jifhem lil Kristu li fl-istess ħin ifittex *konfront* mal-kelmiet li qed jisma'.

**Wieġbu Ġesù: «Jiena hu t-triq u il-verità u l-ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi.**

It-tliet titli li bihom Ġesù jirrivela lilu nnifsu juru fl-istess ħin x'inhu l-ġid li jingħatalna bl-għotja ta' ħajtu għalina. Hu jgħallimna l-*verità* għax jagħmilna kapaċi – jeħlisna (cf. *Ġw* 8,32) – sabiex fiH insiru ulied ubbidjenti li nfittxu r-rieda tal-Missier (*Ġw* 8,40.45; 17,17). Dan għaliex hu stess jgħammar fina (cf. *2Ġw* 1-2) hekk li aħna nistgħu «nimxu fil-verità» (cf. *3Ġw* 3-4), «nagħmlu l-verità (is-sewwa)» (*Ġw* 3,21) billi nagħmlu skont ma jitlobna Hu. Kristu jgħallimna kif *nimxu fit-triq* li twassal għall-Missier (*Ġw* 8,12; 11,9-10; 12,35) billi hu stess jagħtina l-eżempju (cf. *Ġw* 13,15; *1Ġw* 2,6) u hekk isir «it-triq, ġdida u ħajja» (*Lhud* 10,20) li minnha għandna ngħaddu. Kristu jagħti lid-dixxipli tiegħu «l-kliem tal-ħajja ta' dejjem» (*Ġw* 6,68; cf. 1,4; 12,50) u fih il-bniedem ma jmut qatt. Id-dixxiplu għalhekk għandu jilqgħu bħala t-*triq* li twasslu, il-*verità* li teħilsu, il-*ħajja* li ssalvah, għaliex hu x-xbieha tal-Missier (cf. *2Kor* 4,4): «Hu, l-Iben, li hu d-dija tal-glorja ta' Alla u x-xbieha ta' l-essenza tiegħu, u li jżomm id-dinja kollha bil-kelma setgħana tiegħu, wara li naddafna minn dnubietna, qagħad fuq il-lemin tal-kobor ta' Alla fl-għoli tas-smewwiet,» (Lhud 1,3).

**Kieku għaraftu lili, kontu tagħrfu wkoll lil Missieri: minn issa 'l quddiem tagħrfuh, anzi diġà rajtuh.» Qallu Filippu: «Mulej, urina l-Missier, u jkun biżżejjed għalina.»**

Il-kliem ta' Ġesù fuq il-Missier iqanqlu x-xewqa ta' Filippu biex jaraH. Hija talba li tixbah lil dik ta' Mosè u tal-bniedem ta' kull żmien li jixtieq jikkontempla l-glorja ta' Missieru ("*vita hominis visio Dei*"): «Ħallini, nitolbok, nara l-glorja tiegħek.» (*Eż* 33,18).

**Ġesù wieġeb: «Ili daqshekk magħkom, Filippu, u għadek ma għaraftnix? Min ra lili ra lill-Missier. Kif tgħidli: "Urina l-Missier?" Ma temminx li jiena fil-Missier u l-Missier fija?**

Din ix-xewqa ssib it-tweġiba tagħha fi Kristu li għarrafna lil dak Alla li ħadd qatt ma ra (cf. *Ġw* 1,18), li għarraf isem-il Missier lil dawk li Hu taf fid-dinja (cf. *Ġw* 17,6). Hu «ħaġa waħda» mal-Missier (*Ġw* 10,30; cf. 1,1). Bħal Filippu, jista' jiġri li aħna nkunu qed infittxu xi turija grandjuża tal-Missier mingħajr ma nintebħu li huwa fil-kontemplazzjoni tal-Iben li aħna nkunu nistgħu narawH. Jista' ikun li nibdew niddubitaw meta ngħaddu mill-esperjenza tan-nixfa spiritwali fejn il-qalb ma tibqax tħoss l-effett sensibbli tal-grazzja u r-ruħ tisfa bla faraġ, bla ħeġġa, għajjiena. Anki f'dawn il-mumenti ta' deżolazzjoni għandna nimmaturaw fil-fidi biex nimxu wara l-Mulej mhux frott is-sodisfazzjonijiet sensibbli, imma frott l-imħabba. Ġesù jitlob minna, dixxipli tiegħu l-*fidi* fiH sabiex inkunu nistgħu naraw Dak li qalbu mxenqa għalih: «Ruħi għatxana għal Alla, għal Alla l-ħaj; meta niġi u nara wiċċ Alla?» (*S* 42,3; cf. *S* 13,2; 17,5; 27,8-9; 31,17...).

**Il-kliem li ngħidilkom jien, ma ngħidux minn moħħi, ma ngħidux minn moħħi iżda l-Missier li jgħammar fija qiegħed jagħmel l-opri tiegħu. Emmnuni! Jiena fil-Missier u l-Missier fija. Jekk mhux għal ħaġ'oħra, emmnuni minħabba dawn l-opri stess.**

Meta Ġesù jitkellem dwar il-mirakli li jwettaq hu ma jseħilhomx «sinjali» («σημεῖον» *Ġw* 2,11) imma «opri» («ἔργον») għax hu jagħmel dak li jara lill-Missieru jagħmel (cf. *Ġw* 5,19-21. 36). L-opri għalhekk juru li huwa Alla li jaħdem permezz u fi Kristu (*Ġw* 10,25.37-38). Il-bniedem li ma jara l-opri u ma jemminx jaqa' fl-akbar dnub (cf. *Ġw* 15, 22.24).

**Tassew, tassew ngħidilkom, min jemmen fija hu wkoll għad jagħmel l-opri li qiegħed nagħmel jien, u akbar minnhom għax jagħmel, għax jiena sejjer għand il-Missier.»**

Il-fidi fi Kristu twassal biex id-dixxiplu *jgħammar* fi Kristu u Kristu *jgħammar* fih kif il-Missier *jgħammar* fl-Iben. Għalhekk bħalma Kristu jagħmel l-opri tal-Missier, hekk id-dixxiplu jirċievi l-qawwa li jagħmel l-opri li jwettaq Kristu – u anki akbar (cf. *Mk* 16,17-18). Il-fidi – imqar ċkejkna – kapaċi ċċaqlaq is-siġar (*Mt* 21,21) u l-muntanji (*Mt* 17,20). L-għajn ta' din il-qawwa hija l-komunjoni Trinitarja: l-għaqda tal-Iben u l-Missier li minnhom jipproċedi l-Ispirtu s-Santu li jżejjen bil-bosta kariżmi d-dixxipli ta' Kristu fuq l-art. Ġesù kien sejjer għand il-Missier mhux biex jitlaqhom waħidhom imma biex ikun possibli għalihom li jidħlu fil-ħajja ta' Alla permezz tad-don tal-Ispirtu s-Santu: « Madankollu, ngħidilkom is-sewwa, jaqblilkom li

jiena mmur; għaliex, jekk ma mmurx, id-Difensur ma jiġix għandkom; imma jekk immur, nibgħathulkom.» (*Ġw* 16,7). Mogħni bl-Ispirtu Qaddis, id-dixxiplu jista' «jitlob bil-fidi, bla ma jitħasseb xejn» (*Ġak* 1,6) għax anki qalb it-taqlib u t-tnassis tax-Xitan, meta jidħol id-dlam tal-lejl, hu jibqa' sod marbut mal-ankra tat-tama tiegħu fi Kristu Ġesù, il-wiċċ tal-Missier, it-Triq, il-Verità u l-Ħajja: "*Lead, Saviour, lead me home in childlike faith, home to my God. To rest forever after earthly strife, in the calm light of everlasting life."* (Beatu John Henry Newman). "